MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1225/2008

**Chemoil Monde Export S.A.M., socjeta` estera registrata f'Montecarlo, Monaco rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-Avukat Dottor Carmel Chircop.**

**vs.**

**Gulf Marine Co. Ltd (C-30206).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` esterea Chemoil Monde Export S.A.M. kif debitament rapprezentata mill-Avukat Dottor Carmel Chircop (I.D. Card No. 35164(M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` datat 10 ta' Dicembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` intimata hija proprjetarja tal-vapur m.v. PIETATI CLOUD registrat hawn Malta bin-numru ufficjali 7940.

Illi s-socjeta` esponenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata ghall-ammont ta' mija u hdax-il elf u erba' u hamsin Dollari Amerikani (USD111,054) ghall-provista ta' bunkers skont l-annessa fattura, *bunker confirmation* u *bunker receipt* Dok. "A", Dok. "B", u Dok. "C" rispettivament, *oltre* mghaxijiet u spejjez ohra.

Illi l-kreditu tas-socjeta` rikorrenti jaqa' taht **is-subartikolu (10) (iv) u/jew (v) tal-artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili, Kap 234.**

Illi *a tenur* tal-**arikolu 37 tal-kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta** din il-Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih.

Illi r-rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti ikkomunikaw mas-socjeta` intimata dwar din il-kwistjoni izda minghajr success.

Illi sa fejn jaf ir-rikorrenti *nomine* l-assi tas-socjeta` intimata huwa l-vapur m.v. PIETARI CLOUD registrat hawn Malta,u jekk is-socjeta` tbiegh jew tittrasferixxi mod iehor dan il-vapur, il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti jigi eluz.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati *nomine* jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. PIETARI CLOUD u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u lanqas jinhareg "deletion certificate" u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u partijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skont l-**artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din il-Qorti tigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin *a tenur* tal-istess **artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti a fol. 2 sa fol. 7 tal-process;

Rat ir-rikors tas-socjeta` estera Chemoil Monde Exports S.A.M. datata 10 ta' Dicembru 2008 a fol. 8 tal-process fejn
talbet li din il-Qorti (1) tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. PIETARA CLOUD u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u lanqas jinhareg "deletion certificate:, u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni sa kemm tigi deciza din il-kawza finalment, u f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' din it-talba; (2) Tawtorizzah jinnotifika d-digriet lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin u dan gie milqugh b'digriet datat 10 ta' Dicembru 2008 (fol. 10).

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 2009.

Rat li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata fit-22 ta' Dicembru 2008 (*a tergo fol. 16 u 17)* ma pprezentat l-ebda risposta guramentata u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-21 ta' Jannar 2009 fejn deher Dr. Chircop ghas-socjeta' attrici u Dr. Anne Fenech ghas-socjeta' konvenuta, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta’ attrici qed tallega li ghandha kreditu kontra s-socjeta’ konvenuta ghall-ammont indikat fir-rikors promotorju u ghar-ragunijiet hemm indikati u ghalhekk talbet li jittiehdu l-provvedimenti opportuni abbazi ta’ l-**artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici, biss ghal fini ta’ din il-kawza, gew ilkoll ippruvati kemm bil-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata, kif ukoll bid-dokumenti esebiti, u in vista’ ta’ dan din l-azzjoni tirrizulta li tissodisfa ir-rekwiziti tal-ligi u partikolarment tal-artikolu fuq citat u ghalhekk it-talbiet kif dedotti fir-rikors tas-socjeta’ attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi fil-kontumacja tas-socjeta` ntimata, **tilqa` t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b’dan li:-

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. PIETARI CLOUD u fir-rigward ta’ kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati “mortgages” fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u lanqas jinhareg “deletion certificate” u ghall-perjodu ta’ sena mid-data ta’ din is-sentenza b’dan li s-socjeta` attrici ghandha tottempera ruhha sabiex tressaq ‘il quddiem il-pretensjonijiet taghha dwar l-istess kreditu fit-terminu indikat skont l-**artikolu 37 (6) tal-Kap 234** u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess artikolu.

2. Tordna li din l-ordni maghmula minn din il-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin *a*

*tenur* ta' l-istess **artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------